

Brussell, 4 ta' Mejju 2020
(OR. en)

7707/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0075(COD)**

**AGRI 121
AGRILEG 48
AGRISTR 27
CODEC 337**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Mejju 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 186 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jingħata appoġġ temporanju eċċezzjonali fil-kuntest tal-FAEŻR b'rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 186 final.

Mehmuż: COM(2020) 186 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.4.2020
COM(2020) 186 final

2020/0075 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex
jinhata appoġġ temporanju eċċezzjonali fil-kuntest tal-FAEŻR b'rispons għat-tifqigħa
tal-COVID-19**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-effetti diretti u indiretti tat-tifqigħa tal-COVID-19 qed ikompli jiżdiedu fl-Istati Membri kollha. Is-sitwazzjoni attwali hija bla preċedent u f'dawn iċ-ċirkustanzi titlob li jiġu applikati miżuri eċċezzjonali adattati għas-sitwazzjoni.

Fis-setturi tal-biedja u tal-ikel, ġew irrappurtati bosta diffikultajiet minħabba r-restrizzjonijiet estensivi fuq il-moviment li daħħlu l-Istati Membri kif ukoll l-għeluq obligatorju tal-ħwienet, tas-swieq fil-beraħ, tar-ristoranti u ta' stabbilimenti oħrajn tal-ospitalità. It-tfixkil ekonomiku fis-settur agrikolu u fil-komunitajiet rurali wassal għal problemi marbutin mal-likwidità u mal-flussi tal-flus għall-bdiewa u għan-negozji rurali ż-żgħar li jipproċessaw il-prodotti agrikoli.

Minħabba f'hekk, ċerti negozji żgħar u bdiewa għandhom bżonn urġenti ta' appoġġ ta' emerġenza biex jibqgħu għaddejnin bl-attivitajiet tagħhom.

Minħabba d-diffikultajiet paralleli tal-amministrazzjonijiet, li minħabba fihom ma jixraqx li l-konsulenti jmorru jappoġġaw lill-benefiċjarji potenzjali b'mod fiżiku jew li l-kontrolluri jwettqu kontrolli fuq il-post jew kontrolli *ex-ante*, huwa indispensabbli li jiġu offruti soluzzjonijiet li jkunu jistgħu jintużaw faċilment, li jkunu jistgħu jiġu implimentati mill-Istati Membri, u li jistgħu jappoġġaw diversi sitwazzjonijiet fil-prattika u li jkunu faċilment aċċessibbli għall-benefiċjarji.

L-appoġġ jeħtieġ li jingħata bħala għajnuna temporanja għal skop speċifiku ħafna f'ċirkustanzi bla preċedent. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, l-appoġġ se jingħata bħala somma f'daqqa ta' darba biss lill-bdiewa u lill-SMEs li huma attivi fl-ipproċessar, fil-kummerċjalizzazzjoni u/jew fl-iżvilupp tal-prodotti agrikoli. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-pagamenti skont l-appropriazzjonijiet tal-baġit u dejjem jekk ikun hemm fondi disponibbli għal dan.

Bil-ħsieb li jkun żgurat li r-riżorsi disponibbli fil-kuntest tal-programmi eżistenti tal-iżvilupp rurali jintużaw bl-iktar mod effiċjenti possibbli, l-Istati Membri se jkollhom jiġġustifikaw l-għoti ta' appoġġ immirat lejn dawk l-iktar affettwati abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. L-Istati Membri se jkollhom jinkludu l-miżura fil-pjanijiet tal-iżvilupp rurali permezz ta' emenda, għalkemm in-nefqa se tkun eliġibbli minn meta beda l-avveniment katastrofiku (jiġifieri minn meta bdiet it-tifqigħa tal-COVID-19).

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-proposta hija konsistenti mal-qafas legali ġenerali stabbilit għall-Politika Agrikola Komuni u għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (l-FSIE) u hija limitata għal emenda speċifika tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013. Il-proposta tikkumplimenta l-miżuri l-oħrajn kollha li ħadet l-Unjoni bil-għan li tindirizza s-sitwazzjoni attwali mingħajr preċedent, b'mod partikulari dawk il-miżuri li għandhom l-għan li jipprovdu appoġġ għas-swieq. Il-proposta hija mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' nfiq minimu ddefiniti fl-Artikolu 59(5) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija limitata għal emendi speċifiċi tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u hija konsistenti ma' politiki oħrajn tal-Unjoni.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta tissejjes fuq l-Artikoli 42 u 43 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li l-kompetenza għall-agrikoltura bħala tkun kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, filwaqt li jistabbilixxi politika agrikola komuni b'objettivi komuni u implimentazzjoni komuni. Il-proposta għandha l-għan li tiżgura l-objettivi komuni u l-implimentazzjoni komuni ta' miżura ġdida għall-Iżvilupp Rurali.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta fiha emendi limitati u speċifiċi li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-għan li tingħata għajjnuna temporanja eċċezzjonali lill-bdiewa u lill-SMEs li huma attivi fl-ipproċessar, fil-kummerċjalizzazzjoni u/jew fl-iżvilupp tal-prodotti agrikoli li ntlaqtu b'mod gravi mill-kriżi tal-COVID-19.

- **Għażla tal-istrument**

Regolament huwa l-istrument ix-xieraq biex tiddaħħal il-miżura addizzjonali meħtieġa biex jiġu indirizzati dawn iċ-ċirkustanzi bla preċedent.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ma japplikawx.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma sarux konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati esterni. Madankollu, il-proposta qed issir wara li f'dawn l-aħħar ġimgħat saru konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u mal-Membri tal-Parlament Ewropew.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma japplikawx.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Saret valutazzjoni tal-impatt biex titħejja l-proposta għar-Regolament (UE) Nru 1305/2013. L-emendi limitati li qed jiġu proposti ma jeħtiġux valutazzjoni tal-impatt separata.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Ma japplikawx.

- **Drittijiet fundamentali**

Ma japplikawx.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-emenda proposta ma timplika l-ebda tibdil fil-limiti massimi annwali tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-impenji u għall-pagamenti skont l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013. It-tqassim annwali totali tal-appropriazzjonijiet ta' impenn fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR) se jibqa' l-istess. Minħabba ż-żmien meħtieġ biex tiġi implimentata din il-miżura l-ġdida, wieħed jassumi li l-pagamenti lill-benefiċjarji se jsiru fir-raba' kwart tal-2020, u għalhekk iridu jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-2021. L-appropriazzjonijiet ta' pagament meħtieġa biex din il-miżura tiġi ffinanzjata għandhom jiddaħħlu fl-appropriazzjonijiet għall-FAEŻR li għandhom jiġu inklużi fl-abbozz tal-baġit tal-Kummissjoni li jmiss għall-2021 u se jiġu kkompensati bi tnaqqis korrispondenti fil-ħtiġijiet tal-pagamenti fis-snin ta' wara.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Se jkun hemm monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-miżuri u se jsiru rapporti dwarha fil-kuntest tal-mekkaniżmi ġenerali tar-rappurtar stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u fir-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Ma japplikawx.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Qed jiġi propost li jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jingħata appoġġ temporanju eċċezzjonali fil-kuntest tal-FAEŻR b'rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 42 u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-bdiewa u n-negozji rurali ntlawt mill-konsegwenzi tal-kriżi tat-tifqigħa tal-COVID-19 b'mod bla preċedent. Ir-restrizzjonijiet estensivi fuq il-moviment li daħħlu l-Istati Membri kif ukoll l-għeluq obligatorju tal-ħwienet, tas-swieq fil-beraħ, tar-ristoranti u ta' stabbilimenti oħrajn tal-ospitalità ħolqu tfixkil ekonomiku fis-settur agrikolu u fil-komunitajiet rurali u wasslu għal problemi marbutin mal-likwidità u mal-flussi tal-flus għall-bdiewa u għan-negozji rurali ż-żgħar li huma attivi fl-ipproċessar, fil-kummerċjalizzazzjoni u/jew fl-iżvilupp tal-prodotti agrikoli. Dan ħoloq sitwazzjoni eċċezzjonali li trid tiġi indirizzata.
- (2) Sabiex ikun hemm rispons għall-impatt tal-kriżi, jenħtieġ li miżura ġdida temporanja u eċċezzjonali tindirizza l-problemi marbutin mal-likwidità li jheddu l-kontinwità tal-attivitajiet tal-biedja u tan-negozji ż-żgħar li huma attivi fl-ipproċessar, fil-kummerċjalizzazzjoni u/jew fl-iżvilupp tal-prodotti agrikoli.
- (3) Sabiex jiffoka r-riżorsi disponibbli bl-aħjar mod fuq il-benefiċjarji li l-iktar qed ibatu minħabba l-kriżi, jenħtieġ li l-appoġġ, li għandu l-għan li jiżgura l-kompetittività tan-negozji agrikoli u l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli, jingħata abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. Fil-każ tal-bdiewa dawn il-kriterji jistgħu jinkludu s-setturi tal-produzzjoni, it-tip ta' biedja, l-istrutturi tal-azjendi agrikoli, it-tip ta' kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-azjendi agrikoli u l-għadd ta' ħaddiema staġonali li jimpjegaw u, fil-każ tal-SMEs dawn jistgħu jinkludu s-setturi, it-tipi ta' attività, it-tip ta' reġjuni u restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn.

¹ ĠU C , , p .

² ĠU C , , p .

- (4) Minħabba l-urġenza ta' din il-miżura u n-natura eċċezzjonali tagħha, jenħtieġ li jiġu stabbiliti pagament ta' darba biss u data massima għall-applikazzjoni tal-miżura, filwaqt li jrid jittfakkar il-prinċipju li l-Kummissjoni għandha tagħmel il-pagamenti skont l-approprijazzjonijiet tal-baġit u dejjem jekk ikun hemm il-fondi disponibbli għal dan.
- (5) Sabiex jingħata iktar appoġġ lill-bdiewa jew lill-SMEs li jintlaqtu l-iktar, huwa xieraq li l-Istati Membri jitħallew jaġġustaw il-livell tas-somom f'daqqa għal ċerti kategoriji ta' benefiċjarji eliġibbli abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.
- (6) Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed fondi għall-miżura l-ġdida mingħajr ma jiġu pperikolati l-għanijiet l-oħrajn tal-programmi tal-iżvilupp rurali, jenħtieġ li jiġi ffissat is-sehem massimu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal din il-miżura.
- (7) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jiġi emendat kif xieraq.
- (8) Minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19 u l-urġenza biex tiġi indirizzata l-kriżi tas-saħħa pubblika assoċjata magħha, jitqies li hemm bżonn tintuża l-eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea meħmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (9) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni marbuta mat-tifqigħa tal-COVID-19, huwa xieraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 huwa emendat kif ġej:

- (1) jiddaħħal l-Artikolu 39b li ġej:

“Artikolu 39b

Għajjnuna temporanja eċċezzjonali għall-bdiewa u għall-SMEs li huma attivi fl-iproċessar, fil-kummerċjalizzazzjoni u/jew fl-iżvilupp tal-prodotti agrikoli li ntliaqtu b'mod gravi mill-kriżi tal-COVID-19

1. L-appoġġ li jingħata fil-kuntest ta' din il-miżura għandu jipprovdi assistenza ta' emerġenza lill-bdiewa u lill-SMEs li ntliaqtu b'mod gravi mill-kriżi tal-COVID-19 bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu bil-għan li tkun żgurata l-kontinwità tal-attività kummerċjali tagħhom.
2. L-appoġġ għandu jingħata lill-bdiewa u lill-SMEs li huma attivi fl-iproċessar, fil-kummerċjalizzazzjoni u/jew fl-iżvilupp ta' prodotti agrikoli koperti mill-Anness I tat-TFUE jew tal-qoton, hliief għall-prodotti tas-sajd; il-prodott li jirriżulta mill-proċess tal-produzzjoni jista' jkun prodott li ma jkunx kopert minn dak l-Anness.

3. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu fil-mira tal-appoġġ lil dawk il-benefiċjarji li jkunu ntlawtu l-iktar mill-kriżi billi jiddefinixxu l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà għalih u possibbilment ukoll il-kriterji tal-għażla, li għandhom ikunu oġġettivi u mhux diskriminatorji u li jkunu bbażati fuq l-evidenza disponibbli.
4. L-appoġġ għandu jingħata bħala somma f'daqqa li għandha titħallas [sal-31 ta' Diċembru 2020] u l-Kummissjoni wara għandha tirrimborzawhom skont l-appropriazzjonijiet tal-baġit u dejjem jekk ikun hemm il-fondi disponibbli għal dan. Il-livell tal-pagament jista' jvarja minn kategorija ta' benefiċjarji għall-oħra skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.
5. L-ammont massimu tal-appoġġ ma għandux ikun ta' iktar minn EUR 5 000 għal kull bidwi u ta' iktar minn EUR 50 000 għal kull SME.
6. Huma u jagħtu l-appoġġ skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom iqisu l-appoġġ mogħti fil-kuntest ta' strumenti ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni oħrajn jew fil-kuntest ta' skemi privati b'rispons għall-impatt tal-kriżi tal-COVID-19.”;

(2) fl-Artikolu 59 jiddaħħal il-paragrafu 6a li ġej:

“6a. L-appoġġ tal-FAEŻR li jingħata skont il-miżura msemmija fl-Artikolu 39b għandu jkun limitat għal ammont massimu ta' 1 % mill-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR għall-programm tal-iżvilupp rurali.”;

(3) fl-Artikolu 49, il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

“2. L-awtorità tal-Istat Membru responsabbli għall-għażla tal-operazzjonijiet għandha tiżgura li l-operazzjonijiet, ħliet għall-operazzjonijiet fil-kuntest tal-Artikolu 18(1)(b), tal-Artikolu 24(1)(d) u tal-Artikoli 28 sa 31, 33 sa 34 u 36 sa 39b, jintgħażlu skont il-kriterji tal-għażla msemmijin fil-paragrafu 1 u skont proċedura trasparenti u ddokumentata sew.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jingħata appoġġ temporanju eċċezzjonali fil-kuntest tal-FAEŻR b'rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19

1.2. Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar:

azzjoni ġdida

azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja³

l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

X fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra jew azzjoni ġdida

1.3. Għanijiet

1.3.1. Għanijiet ġenerali

Li tiġi prevista miżura ġdida temporanja u eċċezzjonali biex jiġu indirizzati l-problemi marbutin mal-likwidità li jheddu l-kontinwità tal-attivitàjiet tal-biedja u tan-negożji ż-żgħar li jipproċessaw il-prodotti agrikoli

1.3.2. Għanijiet speċifiċi

Nru tal-għan speċifiku

Mhux applikabbli

1.3.3. Riżultati u impatti mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Mhux applikabbli

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Mhux applikabbli

1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.4.1. Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-introduzzjoni tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

Mhux applikabbli

1.4.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew il-kumplimentarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment

³ Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

Mhux applikabbli

1.4.3. *Tagħlimiet meħudin minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Mhux applikabbli

1.4.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma’ strumenti xierqa oħrajn*

Mhux applikabbli

1.4.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta’ finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Mhux applikabbli

1.5. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

X durata limitata

- Fis-seħħ mill-[JJ/XX]SSSS sal-[JJ/XX]SSSS
- X L-ebda impatt finanzjarju globali għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

durata mhux limitata

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)⁴

Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- mill-aġenziji eżekuttivi

X Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- lil pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- lil organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- lill-korpi li jissemmew fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- lil korpi tal-liġi pubblika;
- lil korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sa fejn dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- lil korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- lil persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Din il-proposta l-ġdida ma timplika l-ebda tibdil fil-limiti massimi annwali tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-impenni u għall-pagamenti mogħtija fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013. It-tqassim annwali tal-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali se jibqa' l-istess.

⁴ Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>.

B'mod ġenerali, din il-miżura ma timplikax il-hteġa għal approprjazzjonijiet addizzjonali ta' pagament. L-appropriazzjonijiet ta' pagament tal-2021 meħtieġa biex din il-miżura tiġi ffinanzjata se jiġu kkompensati b'inqas ħtiġijiet tal-pagamenti fis-snin ta' wara.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Mhux applikabbli

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Mhux applikabbli

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Mhux applikabbli

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Mhux applikabbli

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Mhux applikabbli

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff. ⁵	mill-pajjiżi tal-EFTA ⁶	mill-pajjiżi kandidati ⁷	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	05.046001 ⁸	Diff.	LE	LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitlubin

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	Mhux applikabbli		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

⁵ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

⁶ L-EFTA = l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

⁷ Il-pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

⁸ Il-linja baġitarja 08.0301 mis-sena baġitarja tal-2021.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

f' miljuni ta' Euro (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru 2	Tkabbir sostenibbli: ir-riżorsi naturali
--	------------	--

Ma hemm l-ebda impatt fuq l-appropriazzjonijiet ta' impenn. Minħabba li din l-emenda se tiġi ffinanzjata permezz ta' emendi fil-programmi tal-iżvilupp rurali tal-Istati Membri fil-pakketti maqbulin, mhu se jkun hemm bżonn tal-ebda appropriazzjoni addizzjonali ta' pagament b'mod ġenerali, u l-pagamenti għal din il-miżura se jiġu kkompensati b'inqas pagamenti għal miżuri oħrajn tal-iżvilupp rurali.

Wieħed jassumi li l-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq l-appropriazzjonijiet ta' pagament tal-FAEŻR għall-baġit tal-2020. Meta jitqies iż-żmien li l-Istati Membri għandhom bżonn biex jimplimentaw din il-miżura l-ġdida, wieħed jantiċipa li n-nefqa marbuta magħha se tiġi ddikjarata fir-raba' kwart tal-2020, u b'hekk se jkollha impatt fuq il-baġit tal-2021. L-impatt korrispondenti fuq l-appropriazzjonijiet ta' pagament, li huwa stmat li se jkun ta' madwar EUR 650 miljun, se jiddaħħal fil-livell tal-appropriazzjonijiet ta' pagament li għandhom jintalbu għall-abbozz tal-baġit għall-2021 u se jiġi kkompensat bi tnaqqis korrispondenti fil-ħtiġijiet tal-pagamenti fis-snin ta' wara, kif stmat hawn taħt.

Id-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali			FI-2020	FI-2021	FI-2022	Is-sena 2023	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
• Appropriazzjonijiet operazzjonali										
05.046001	Impenji	(1a)	0	0	0	0				0
	Pagamenti	(2 a)	0	+650	-325	-325				0
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi										
Mhux applikabbli		(3)								

TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali	Impenji	=1a+1b +3	0	0	0	0				0
	Pagamenti	=2a+2b +3	0	+650	-325	-325				0

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0	0	0	0				0
	Pagamenti	(5)	0	+650	-325	-325				0
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 2 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	0	0	0	0				0
	Pagamenti	=5+ 6	0	+650	-325	-325				0

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	5	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

Din it-taqsimha għandha timtela billi tintuża d-“*data* baġitarja ta’ natura amministrattiva” li qabel kolloxx trid tiddaħħal fl-[Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva](#) (l-Anness V tar-regoli interni), li għandu jittella’ fil-pjattaforma elettronika “DECIDE” għall-finijiet tal-konsultazzjoni bejn is-servizzi.

f’miljuni ta’ Euro (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Fis-sena N	Fis-sena N+1	Fis-sena N+2	Fis-sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
Id-DĠ: <.....>									
• Riżorsi umani									
• Nefqa amministrattiva oħra									
TOTAL tad-DĠ <.....>		Appropriazzjonijiet							

TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta’ impenji = Total ta’ pagamenti)								
--	---	--	--	--	--	--	--	--	--

f’miljuni ta’ Euro (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Fl-2020	Fl-2021	Fl-2022	Fl-2023	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0	0	0	0				
	Pagamenti	0	+650	-325	-325				

3.2.2. Output stmat ifffinanzjat b'approprjazzjonijiet operazzjonali

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' Euro (aġġustati għal tliet pozzizzjonijiet deċimali)

Indika l-għanijiet u l-outputs ↓			Fis-sena N		Fis-sena N+1		Fis-sena N+2		Fis-sena N+3		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)						TOTAL		
	OUTPUTS																		
	Tip ⁹	Kost medju	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru u totali
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1 ¹⁰ ...																			
0 Output																			
0 Output																			
0 Output																			
Subtotal tal-għan speċifiku Nru 1																			
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2...																			
0 Output																			
Subtotal tal-għan speċifiku Nru 2																			
TOTALI																			

⁹ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereżempju l-ġhadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-ġhadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

¹⁰ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Għan/għanijiet speċifiku/speċifiki...".

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

- X Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta’ appropriazzjonijiet ta’ natura amministrattiva.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta’ appropriazzjonijiet ta’ natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

f’miljuni ta’ Euro (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Fis-sena N ¹¹	Fis-sena N+1	Fis-sena N+2	Fis-sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
--	--------------------------	--------------	--------------	--------------	--	-------

L-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali							
Riżorsi umani							
Nefqa amministrattiva oħra							
Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali							

Barra mill-INTESTATURA 5¹² tal-qafas finanzjarju pluriennali							
Riżorsi umani							
Nefqa oħra ta’ natura amministrattiva							
Subtotal barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali							

TOTAL							
--------------	--	--	--	--	--	--	--

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta’ natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’ kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta’ allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

¹¹ Is-sena N hija s-sena li fiha tidda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Jekk jogħġbok issostitwixxi “is-sena N” bl-ewwel sena ta’ implimentazzjoni prevista (pereżempju l-2021). Agħmel l-istess għas-snin ta’ wara.

¹² Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta’ programmi u/jew ta’ azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

	Fis-sena N	Fis-sena N+1	Fis-sena N+2	Fis-sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)							
XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)							
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)							
XX 01 05 01/11/21 (Riċerka indiretta)							
10 01 05 01/11 (Riċerka diretta)							
• Persunal estern (f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time: FTEs)¹³							
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")							
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JPD fid-Delegazzjonijiet)							
XX 01 04 yy ¹⁴	0 fil-Kwartieri Ġenerali						
	0 fid-Delegazzjonijiet						
XX 01 05 02/12/22 (AC, END, INT 0 Riċerka indiretta)							
10 01 05 02/12 (AC, END, INT 0 Riċerka diretta)							
Linji baġitarji oħra (speċifika)							
TOTAL							

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	
Persunal estern	

¹³ AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Esperti Nazzjonali Sekondati; INT = Persunal tal-aġenziji; JPD = Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

¹⁴ Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (il-QFP).

Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, filwaqt li tispjega l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. Ipprova tabella tal-Excel f'każ ta' riprogrammazzjoni kbira.

- teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

Spjega x'inhum meħtieġ, filwaqt li tispjega l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti u l-istrumenti li qed jiġi propost li jintużaw.

- teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

Spjega x'inhum meħtieġ, filwaqt li tispjega l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ma tippredix il-kofinanzjament minn partijiet terzi.
- tippredix il-kofinanzjament minn partijiet terzi li qed jiġi stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' Euro (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Fis-sena N ¹⁵	Fis-sena N+1	Fis-sena N+2	Fis-sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati								

¹⁵ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Jekk jogħġbok issostitwixxi "is-sena N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju l-2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- X Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq dħul ieħor
 - jekk jogħġbok indika jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa

f' miljuni ta' Euro (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprijazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ¹⁶				
		Fis-sena N	Fis-sena N+1	Fis-sena N+2	Fis-sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)
L-Artikolu						

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula użata għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

¹⁶ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % tal-kostijiet tal-ġbir.